F'din l-istess xkaffa hemm tlitt ifniek tal-kartapesta, b'ħarsa naturali u grazzjuża, rigal ta' ħabib għażiż tiegħi; va-żun ċkejken tifkira ta' Sirakuża; u statwetta, imitazzjoni tal-famuża "Venere di Milo" li jfakkarni f'dawk il-ħafna Mużewiet li żort fl-Italja, Franza u Eġittu, fejn l-arti tal-qedem u tal-lum, jiltaqgħu id f'id.

F'din it-taqsima u ta' taħtha għandi xi statwetti tal-biskwin tifkiriet oħra tad-dar tagħna ta' tfulitna. Għandi wkoll dwejra żgħira u madwarha tiġieġa bil-flieles iduru magħha, kollha daqs nitfa li kważi kważi trid tuża l-lenti biex tarahom; u l-aktar ħaġa importanti, bust tal-biskwin tal-Papa Ljun XIII li kont xtrajtu minn Ruma fil-1910 meta, Alla jaħfirlu missieri, kien ħadni vjaġġ sal-belt eterna bħala premju talli għaddejt il-Matrikola. Niftakar kien ħadni Ruma biex inżur il-Belt u l-Papa li kelli l-kbira xorti nara f'udjenza speċjali. Kien il-Papa qaddis Piju X li sal-lum, għalkemm għaddew ħamsa u erbgħin sena, għad ma nistax inneħħih minn quddiem għajnejja u kull meta nara l-istatwetta tal-Papa Ljun XIII, donnu jiffaċċa quddiemi b'seher, dak il-wiċċ twajjeb ta' Giuseppe Sarto.

Fl-ixkaffa ta' taħt din l-aħħar taqsima ma hemmx ħlief tazez, ta' żewġ daqsijiet jew tlieta, stokk għal kull ħtieġa.

Dan hu kull ma għandi fil-*coctail-cabinet* li bħalissa għandi biswiti u li fuqu, wieħed kull naħa, hemm żewġ vażetti tal-ħġieġ, li binti żżomm dejjem mżejna bil-fjuri friski, fjuri sbieħ u fuq tagħhom li bihom Alla l-imbierek ried iżejjen bihom id-dinja tiegħu, u biex aħna meta jirnexxielna nifhmuh, nitgħaxxqu bihom u bis-setgħa bla tarf tiegħu.

Din hija t-taħdita qasira li jien għamilt mal-*cocktail-cabinet* tiegħi. Il-ħsibijiet tiegħi mhumiex ħlief kliem, ta' ħafna ħwejjeġ tal-inqgħoddi, li għalkemm kollha bla ruħ, donnhom ħadu l-ħajja, għal ftit minuti biss, biex joqogħdu jsefsuli f'widnejja u jiċċaċċraw miegħi u jgħiduli: "Tiftakar fija?" Jew: "Kif, dan l-inċident ħariġlek minn rasek?" Jew: "Ih, ara kif insieni lili?"

Imbagħad, f'daqqa waħda, kollox raġa' għas-skiet.

Għalhekk deherli li kelli ninfired mill-*cocktail- cabinet* tiegħi biex ... inqum nagħmel xi ħaġa oħra. U qomt.



## GĦADA

*Ta'* ĠUŻI ABELA

Aktar m'għadhiex titbandal bejn il-friegħi
Il-frotta ħamranija; issa nġabret
Fil-kaxex ta' l-injam, u se jsifruha
Lejn artijiet imbiegħda 'l hinn minn ħdanek,
Minn ħdanek, j'Omm, minn ħdanek, siġra sfajra,
Int li nissiltha, int li għajjixtha, u kibret
Bħal ħutha l-oħra bil-mijiet, bl-eluf.

Issa·dik l-id li drat tisraq bis-sengħa
Lil dawk l-ulied li kibru taħt għajnejk
Ħallietek waħdek, u int stennejt ħosbiena,
Lil min ħassarlek l-aħħar fdal ta' ġmielek,
Lil min ħallik mistħija f'dan il-ġnien.

Hemm l-aħħar werqa fuq dirgħajk titriegħed,
Iddur, tiltewa, biex il-bewsa taħrab
Ta' żiffa oħra qarrieqa li dalwaqt
Tifridkom minn xulxin, u l-aħħar werqa
Tinżel titkaxkar qalb il-ħmieġ u t-tajn.

U għada l-ebda għasfur m'hu ġej iserraħ
Fuq dawk dirgħajk nexfin; u ħadd ma jfittex
Il-kenn ħdejn ħoġrok; għada n-nies ser tgħaddi
Tiddieħak bik, bil-kruha ta' xjuħitek.

Imm'għada toqrob jum lejn ir-Rebbiegħa.
Għada tkattar il-frott, il-friegħi, l-weraq.
Għada ser tilbes libsa ġdida u isbaħ.

*Corpus Christi College.*

*Victoria, Awstralja.*